



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 10 ta' Lulju 2018**  
**(OR. fr)**

**10597/18**

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2018/0257 (NLE)**

---

**MAMA 108**  
**MED 35**  
**MA 13**

**ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

**Suġġett:** Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk dwar emenda tal-Protokoll Nru 1 u Nru 4 tal-ftehim Ewro-Mediterranju li jstabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra

---

# TRADUZZJONI

FTEHIM  
FIL-FORMA TA' SKAMBJU TA' ITTRI  
BEJN L-UNJONI EWROPEA  
U R-RENJU TAL-MAROKK  
DWAR EMENDA TAL-PROTOKOLLI NRU 1 U NRU 4  
TAL-FTEHIM EWRO-MEDITERRANJU  
LI JISTABBILIXXI ASSOĊJAZZJONI  
BEJN IL-KOMUNITAJET EWROPEJ  
U L-ISTATI MEMBRI TAGĦHOM, MIN-NAĦA L-WAĦDHA,  
U R-RENJU TAL-MAROKK, MIN-NAĦA L-OĦRA

A. Ittra mill-Unjoni

Sinjura, Sinjur,

Għandi l-unur nirreferi għan-negozjati li saru fil-qafas tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra (“il-Ftehim ta’ Assoċjazzjoni”), dwar l-emenda ta’ xi protokolli ta’ dan il-Ftehim.

Wara dawk in-negozjati, l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk qablu dwar dan li ġej:

Dan il-Ftehim huwa konkluż mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet rispettivi tal-Unjoni Ewropea dwar l-istatus tas-Sahara tal-Punent u r-Renju tal-Marokk fuq l-imsemmi reġjun.

Iż-żewġ Partijiet jaffer maw mill-ġdid l-appoġġ tagħhom għall-proċess tan-Nazzjonijiet Uniti u jappoġġaw l-isforzi tas-Segretarju Ġenerali biex tinkiseb soluzzjoni politika definittiva, skont l-għanijiet u l-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u abbażi tar-Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà.

L-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk qablu li d-dikjarazzjoni konġunta li ġejja tiddaħħal wara l-Protokoll Nru 4 tal-Ftehim ta’ Assoċjazzjoni.

“Dikjarazzjoni Konġunta dwar l-applikazzjoni tal-Protokoll Nru 1 u Nru 4 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra (“il-Ftehim ta’ Assoċjazzjoni”)

1. Il-prodotti li joriġinaw mis-Saħara tal-Punent li huma suġġetti għall-kontroll tal-awtoritajiet doganali tar-Renju tal-Marokk għandhom jibbenefikaw mill-istess preferenzi kummerċjali bħal dawk mogħtija mill-Unjoni Ewropea għall-prodotti koperti mill-Ftehim ta’ Assoċjazzjoni.
2. Il-Protokoll Nru 4 għandu japplika mutatis mutandis għall-iskop li jiġi ddefinit il-karattru tal-orijini tal-prodotti msemmija fil-paragrafu 1, inkluż fir-rigward tal-provi tal-orijini<sup>1</sup>.
3. L-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u tar-Renju tal-Marokk għandhom ikunu responsabbli għall-applikazzjoni tal-Protokoll Nru 4 għal dawn il-prodotti.

L-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk jafferma mill-ġdid l-impenn tagħhom li japplikaw il-protokoll skont id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ta’ Assoċjazzjoni dwar ir-rispett għal-libertajiet fundamentali u d-drittijiet tal-bniedem.

L-inklużjoni ta’ din id-dikjarazzjoni konġunta hija bbażata fuq is-sħubija privileġġjata stabbilita sew bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk, kif b’mod partikolari stabbilita permezz tal-istatus avanzat mogħti lil dan tal-aħħar, kif ukoll fuq l-ambizzjoni komuni tal-Partijiet li japprofondixxu din is-sħubija u jwessgħuha.

---

<sup>1</sup> L-awtoritajiet doganali tar-Renju tal-Marokk għandhom ikunu responsabbli għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Protokoll Nru 4 għall-prodotti msemmija fil-paragrafu 1.

F'dan l-ispirtu ta' sħubija u sabiex il-Partijiet ikunu jistgħu jevalwaw l-impatt ta' dan il-Ftehim, b'mod partikolari fuq l-iżvilupp sostenibbli, speċjalment fir-rigward tal-vantaġġi għall-popolazzjonijiet milqutin u l-isfruttament tar-riżorsi naturali tat-territorji kkonċernati, l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk qablu b'mod reċiproku li jiskambjaw informazzjoni fil-qafas tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni mill-inqas darba fis-sena.

Il-modalitajiet speċifiċi ta' dan l-eżerċizzju ta' evalwazzjoni ser jiġu determinati sussegwentement bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' tagħhom mill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni mhux aktar tard minn xahrejn wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Dan il-Ftehim jista' jkun applikat fuq bażi provviżorja bi ftehim reċiproku permezz ta' skambju ta' notifiki bejn iż-żewġ Partijiet mid-data tal-iffirmar awtorizzat mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak li fih iż-żewġ Partijiet ikunu nnotifikaw it-tlestija tal-proċeduri interni għall-adozzjoni tiegħu.

Napprezza kieku kellek tikkonferma li l-Gvern tiegħek jaqbel ma' dan ta' hawn fuq.

Dejjem tiegħek,

*Għall-Unjoni Ewropea*

B. Ittra mill-Marokk

Sinjura, Sinjur,

Għandi l-unur ngħarrfek li rċevejt l-ittra tiegħek bid-data tal-lum, li taqra kif ġej:

“Sinjura, Sinjur,

Għandi l-unur nirreferi għan-negozjati li saru fil-qafas tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra (“il-Ftehim ta’ Assoċjazzjoni”), dwar l-emenda ta’ xi protokoll ta’ dan il-Ftehim.

Wara dawk in-negozjati, l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk qablu dwar dan li ġej:

Dan il-Ftehim huwa konkluż mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet rispettivi tal-Unjoni Ewropea dwar l-istatus tas-Saħara tal-Punent u r-Renju tal-Marokk fuq l-imsemmi reġjun.

Iż-żewġ Partijiet jaffer maw mill-ġdid l-appoġġ tagħhom għall-proċess tan-Nazzjonijiet Uniti u jappoġġaw l-isforzi tas-Segretarju Ġenerali biex tinkiseb soluzzjoni politika definittiva, skont l-għanijiet u l-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u abbażi tar-Risoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà.

L-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk qablu dwar id-dikjarazzjoni konġunta li tiddaħħal wara l-Protokoll Nru 4 tal-Ftehim ta’ Assoċjazzjoni.

“Dikjarazzjoni Konġunta dwar l-applikazzjoni tal-Protokoll Nru 1 u Nru 4 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra (“il-Ftehim ta’ Assoċjazzjoni”)

1. Il-prodotti li joriġinaw mis-Saħara tal-Punent li huma suġġetti għall-kontroll tal-awtoritajiet doganali tar-Renju tal-Marokk għandhom jibbenefikaw mill-istess preferenzi kummerċjali bħal dawk mogħtija mill-Unjoni Ewropea għall-prodotti koperti mill-Ftehim ta’ Assoċjazzjoni.
2. Il-Protokoll Nru 4 għandu japplika mutatis mutandis għall-iskop li tiġi jiġi ddefinit il-karattru tal-oriġini tal-prodotti msemmija fil-paragrafu 1 inkluż fir-rigward tal-provi tal-oriġini<sup>1</sup>.
3. L-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u tar-Renju tal-Marokk għandhom ikunu responsabbli għall-applikazzjoni tal-Protokoll Nru 4 għal dawn il-prodotti.

L-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk jafferaw mill-ġdid l-impenn tagħhom li japplikaw il-protokoll skont id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ta’ Assoċjazzjoni dwar ir-rispett għal-libertajiet fundamentali u d-drittijiet tal-bniedem.

L-inklużjoni ta’ din id-dikjarazzjoni konġunta hija bbażata fuq is-sħubija privileġġjata stabbilita sew bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk, kif b’mod partikolari stabbilita permezz tal-istatus avanzat mogħti lil dan tal-aħħar, kif ukoll fuq l-ambizzjoni komuni tal-Partijiet li japprofondixxu din is-sħubija u jwessgħuha.

F’dan l-ispirtu ta’ sħubija u sabiex il-Partijiet ikunu jistgħu jevalwaw l-impatt ta’ dan il-Ftehim, b’mod partikolari fuq l-iżvilupp sostenibbli, speċjalment fir-rigward tal-vantaġġi għall-popolazzjonijiet milqutin u l-isfruttament tar-riżorsi naturali tat-territorji kkonċernati, l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk qablu b’mod reċiproku li jiskambjaw informazzjoni fil-qafas tal-Kumitat ta’ Assoċjazzjoni mill-inqas darba fis-sena.

Il-modalitajiet speċifiċi ta’ dan l-eżerċizzju ta’ evalwazzjoni ser jiġu determinati sussegwentement bil-ħsieb tal-adozzjoni tagħhom mill-Kumitat ta’ Assoċjazzjoni mhux aktar tard minn xahrejn wara d-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim.

---

<sup>1</sup> L-awtoritajiet doganali tar-Renju tal-Marokk għandhom ikunu responsabbli għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Protokoll Nru 4 għall-prodotti msemmija fil-paragrafu 1.

Dan il-Ftehim jista' jkun applikat fuq bażi provviżorja bi ftehim reċiproku permezz ta' skambju ta' notifiki bejn iż-żewġ Partijiet mid-data tal-iffirmar awtorizzat mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara d-data li fih iż-żewġ Partijiet ikunu nnotifikaw it-tlestija tal-proċeduri interni għall-adozzjoni tiegħu.

Napprezza kieku kellek tikkonferma li l-Gvern tiegħek jaqbel ma' dan ta' hawn fuq.

Dejjem tiegħek, ”

Nista' nikkonferma li l-Gvern tiegħi jaqbel mal-kontenut ta' din l-ittra.

Dejjem tiegħek,

*Għar-Renju tal-Marokk*